# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 429/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs**

**Amadeo Pulis**

Seduta tal – 25 ta' Gunju, 2020

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Amadeo Pulis, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 469470M akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. Bejn il-15 ta' Frar 2011 u s-17 ta' Marzu 2011 ġewwa l-faċilita tal-WasteServ Malta, Ltd., Marsa waqt li kien f'post li fih daħal minħabba l-impjieg tiegħu, ikkommetta serq ta' prodotti tal-marka Zott li għandhom valur ta' aktar minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29), iżda mhux aktar

minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94); u dan għad-detriment tas-soċjeta` WasteServ Malta Ltd., u Alf. Mizzi & Sons Ltd;

2. U aktar talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, ammont ta' prodotti tal-marka Zott li għandhom valur ta' aktar minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29), iżda mhux aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), liema prodotti gew fdati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu jew minħabba depożitu neċessarju, u dan għad-detriment tas-soċjeta WasteServ Malta Ltd. u Alf. Mizzi & Sons Ltd. u liema prodotti ġew fdati jew ikkunsinnati lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti kif ukoll sabiex tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-14 ta' Settembru, 2016 li sabet lil Amadeo Pulis (a) mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu u minnha illiberatu; iżda (b) sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni u peress li jissussistu l-elementi idoneji, illiberat lill-istess Amadeo Pulis bil-kondizzjoni li ma jagħmel ebda reat matul il-perjodu ta` sentejn bis-saħħa ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta` Malta. Ordnat wkoll li l-prodotti

mertu tal-kawża jkunu distrutti skond il-liġi, sakemm dawn ma kienux diġa distrutti skond il-liġi fi stadju qabel. Inoltre, ordnat lill-ħati Amadeo Pulis sabiex bis-saħħa u ai termini ta` l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta, jħallas lir-Reġistratur l-ispejjeż ta` l-espert/i nominat/i. Konsegwentement ordnat li kopja tas-sentenza tkun komunikata lir-Reġistratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex isseħħ l-ezekuzzjoni tal-ordni skond il-liġi;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Amadeo Pulis, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Settembru, 2016, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Settembru, 2016 u dan billi **tikkonfermaha** fejn illiberatu mill-ewwel imputazzjoni u **thassarha** u tirrevokaha fejn sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni u tiddikjarah mhux ħati tat-tieni imputazzjoni;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma li s-socjeta' Alf Mizzi & Sons Ltd kienet irceviet konsenja ta' prodotti tal-halib ghall-bejgh fuq is-suq. Gara izda li l-istess socjeta' innutat li dawn il-prodotti ma kienux trasportati fil-kundizzjoni ta' refrigerazzjoni rakkomandata. Fi kliem iehor, matul il-vjagg it-temperatura fil-container kienet aktar gholja minn dik mitluba u ghalhekk

baghtet il-kontenut kollu tal-container ghand is-socjeta' WasteServ Malta Ltd sabiex taharqu fl-incineratur taghha fil-Marsa. Minkejja dan, Alf Mizzi & Sons Ltd kienet waslitilha informazzjoni li uhud minn dawn il-prodotti kienu qed isibu ruhom fuq is-suq xorta wahda u ghalhekk spiccat tixtri dawn il-prodotti hi stess sabiex tassigura li ma jkunx hemm minnhom fuq is-suq. Fl-istess waqt il-Wasteserv kienet rrapurtat illi ammont sostanzjali minn dawn il-prodotti fil-pussess taghha rrizultaw neqsin waqt li qed jistennew l-incinerazzjoni. Minn stharrig li ghamlet il-Pulizija, ammont ta' dawn il-prodotti instabu gewwa *fridge* li hemm f'razzett ta' trobbija tal-majjali fi proprjeta' li tappartjeni lil konjugi Orsini li ghandhom ir-razzett jinfed ma' dak tal-appellant li huwa l-kugin tas-Sur Orsini. Il-konjugi Orsini kkonfermaw li dawn il-prodotti kien giebhom hemm l-appellant biex jitmaghhom lill-klieb u lill-majjali liema appellant huwa impjegat tal-WasteServ;

2. Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant iressaq l-argument illi qatt ma seta' jinsab hati tar-reat ta' approprjazzjoni indebita stante li, bhal fir-reat ta' serq, ma rrizultax l-element tal-valur la darba l-oggetti kienu qieghdin ghand WasteServ ghar-rimi. L-appellant jiccita lill-Professur Mamo fin-notamenti tieghu meta jghid illi l-oggett soggett ghas-serq ghandu jkollu valur, zghir kemm hu zghir fejn jaghti ezempju ta' *pin* li ghalkemm ghandu valur insinifikant xorta wahda ghandu valur;

3. L-appellant donnu qed jikkonfondi l-aspett tal-valur ma' dak ta' l-insostenibilita' tar-reat ta' serq ta' *res nullius.* Huwa minnu illi kif spjegat b'mod car u ezawrjenti mill-Prof Mamo f'Notes on Criminal Law – Revised Edition 1954-1955 minn pg 269 sa 293 meta jitratta dwar ir-reat ta' serq, li l-oggett tenut bhala misruq jehtieg li jkollu valur. F'dawn in-notamenti l-Prof Mamo jezamina akkuratament u b'mod komparattiv ir-reat ta'

serq izda mhux dak tal-approprjazzjoni indebita. Huwa jaghmel referenza ghal-dan ir-reat f'zewg sentenzi a fol 282 izda dejjem *via scorrendo* l-ispjega tieghu dwar l-elementi tas-serq;

4. Dan l-element tal-valur ser ikun diskuss fis-segwenti konsiderazzjoni flimkien mat-tieni argument mressaq mill-appellant, igifieri dak li qatt ma seta jkun misjub hati ta' dan ir-reat ghaliex *qua* impjegat, kien afdat bil-generalita' ta' l-oggetti u meta jigri hekk l-imputat ikun passibbli ghar-reat ta' serq izda mhux tar-reat ta' appropriazzjoni indebita;

5. Bil-fatti kif allegat mill-prosekuzzjoni huma kolpiti l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Il-Qrati taghna trattaw dan ir-reat diversi drabi mill-aspett akkademiku u llum tista' tghid li hemm minjiera ta' gherf in rigward. Per ezemplari ssir referenza ghas-sentenza moghtija fl-20 ta' Novembru, 2000 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abdilla u Alfred Olivia** – App Krim 288/99, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali elenkat l-elementi tar-reat bi kjarezza bil-mod segwenti. Ir-reat, huwa wiehed kontra l-proprjeta', u "il-hsara fil-proprjeta' tavvera ruhha appena l-agent, b'abbuz ta' fiducja, jikkonverti (ossia jaghmel uzu daqs li kieku kienu tieghu, bi profitt ghalih jew ghal haddiehor, xi haga li tkun inghatat lilu u li tkun destinata jew li tintradd lura lis-sid jew li jsir uzu minnha specifikat. Fi kliem Maino: "*Vera restituztione e uzo determinato implicano necessariamente la non assoluta disponibilita' per parte del consegnatario …La formola: convertendo in profitto di se' o di un terzo dimostra, come gia dicemmo, che la legge intende la appropriazione nel senso il piu' lato, e quindi anche in quello dell'esercizio di un solo dei diritti inerenti al dominio, non in quello rigoroso e ristretto di alienazione*" (**Commento al Codice Penale Italiano,** UTET (Torino), 1924, Vol. IV. P. 102, para. 1949 u p.105, para. 1951).

6. Tispjega l-istess Qorti, dejjem fis-sentenza citata, illi l-elementi tar-reat in dizamina jinsabu, oltre l-element ta' profitt: fil-konsenja partikolari ta' oggett lill-appellant; maghmula bil-volonta' tas-sid u b'fiducja; bil-hsieb li jaghmel minnhom uzu specifikat. Il-kwistjoni devoluta quddiem il-Qorti kienet dwar jekk il-fatti ghandhomx mir-reat ta' serq jew tal-appropriazzjoni indebita u ghalhekk tenniet illi " Fi kliem il-gurista Francseco Antolisei: *La figura giuridicia dell'appropriazjone indebita presenta una notevole affinita' con quella del furto: le due fattispecie sono contigue e si completano a vicenda. Entrambe, infatti, riguardano le cose mobili altrui; ma, mentre il furto, come se e' visto, implica nell'autore la mancanza dell'possesso, consistendo nel fatto di procurarselo (impossessamento), l-appropriazjoni indebita presume che l'agente gia possieda le cose medesime. Quando il reo non ha il possesso, egli non puo' commettere appropriazjoni indebita; quando possiede la cosa, non puo' rendersi responsabile di furto* (Antolisei F., **Manuael di Diritto Penali – Parte Speciale I**, Giuffre (Milano), 1996, p. 274 – 275);

7. Issa mill-elementi kollha ta' dan ir-reat, l-imputat jattakka dak tal-valur u tal-pussess. Kwantu l-kwistjoni tal-valur din il-Qorti ma taqbel xejn mat-tezi tal-appellant ghaliex ghalkemm l-oggetti kienu intizi ghall-incinerazzjoni xorta wahda kellhom valur. Kif spjega ir-rapprezentant tas-socjeta' Alf Mizzi & Sons Ltd, huma kienu kkonsenjaw l-oggetti lil WasteServ sabiex jkunu distrutti fl-inciniratur u dan versu korrispettiv tant illi bl-ghejbien ta' parti sostanzjali tal-merci kienu qed isiru diskussjonijiet sabiex ikun aggustat dak il-korrispettiv. Ma jistghax ghalhekk jinghad li dawn ma kellhomx valur u lanqas ma tista' din il-Qorti thalli l-argument jizvolgi favur it-tezi ta' *res nullius* ghaliex dan assolutament ma huwiex il-kaz;

8. Il-kwistjoni tal-affidabilita' b'mod generali, izda, timmerita hsieb differenti. Din hi sitwazzjoni ferm differenti mill-kas klassiku ta' persuna afdata bil-hasil u tindif ta' dar ghaliex hawn si tratta ta' impjegat minn diversi ohrajn li kien afdat bl-operat b'mod generali fis-sens illi kellu access ghall-kull parti tal-azjenda fejn jahdem izda mhux afdat b'oggett partikolari bhal flus tal-gurnata jew imqabbad biex jikkonsenja xi merci u minflok approprijhom ghalih inniffsu jew, biex l-ezempju jkun aktar qrib il-fatti speci ta' dan il-kaz, afdat fl-incinerazzjoni tal-oggetti li spicca hadhom hu. Frankament ma kien imqabbad biex jikkonsenja xejn u bhala impjegat deherlu li kellu jiehu minn dik il-konsenja li kienet ghall-hruq;

9. Meta kif intqal *supra* il-Prof. Mamo jaghmel referenza ghar-reat b'riflessjoni dwar ir-reat ta' serq jghid hekk: "*There are, however, cases in which exceptionally the fact that the owner parted with the possession of the thing does not negative theft. These are: (i) when the delivery of possession is general and not special, or limited to particular things. Thus if a servant has the charge of all the chattels existing in the place where he is emloyed, he would be guilty of theft if her were to take away any of them." (op cit. Pg 282)*;

10. Tajjeb li ssir referenza ukoll ghal dak li jghid l-Antolisei f'Manuale di Diritto Penali – Parte Special I – Milan Giuffre 1957. "*Richiamando quanto e' stato esposto nell'esaminare questo reato, osserviamo che, se deve ravvisarsi il furto nel caso del facchino, il quale, accompagnando il viaggiatore, si dilegua con la valigia, sussiste appropriazjoni indebita nel fatto dell'agenzia di trasporti che si impadronisce di un bagaglio che le 'e stato affidato per la consegna a domicilio. Codesta agenzia, infatti, ha la disponibilita'* autonoma *della cosa, cosi' come*

*dispone in modo autonomo di un libro colui che lo ha ottenuto in prestito da una biblioteca, a differenza dell'individuo che lo ha avuto in cosegna per consultarlo in una sala di lettura della biblioteca stessa, individuo che, e sottrae il volume, commette furto" (pg 234);*

11. Dan il-punt kien ukoll diskuss fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Katia Formosa Magro** moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Mag. Dr. Edwina Grima fit-28 ta' Marzu, 2011. F'dak il-kaz, il-kaxxiera ta' *supermarket* kienet imputata, stranament, bir-reat ta' frodi meta kienet tonqos milli tghaddi certu oggetti minn taht l-*scanner* meta familjari taghha jaghmlu ix-xirja minn dak l-istabbiliment u ghalhekk bi gwadann ghall-familjari taghha stess. Wara li l-qorti ghamlet esposizzjoni cara tar-reat ta' frodi ghad-differenza ta' dak ta' serq anke bis-sahha ta' awturi u sentenzi, ikkonkludiet hekk:

> "*Ghalhekk maghdud dan kollu jirrizulta illi l-fattispecje ta' dana il-kaz huma imsejsa fuq l-elementi tar-reat tas-serq. It-tehid jew l-hekk imsejjah* contractatio *jirrizulta billi l-imputata qieghda tiehu indirettament tramite il-membri tal-familja taghha l-oggetti minghajr l-intenzjoni li tirritornah. Dan it-tehid qed isir b'mod frawdolenti, minghajr il-kunsens tas-sid u ovvjament bl-intenzjoni ta' l-imputata illi taghmel qliegh mill-istess tehid, qliegh li tgawdi minnu mhux biss hi izda il-familja taghha kollha. Ghaldaqstant l-imputata ma messha qatt giet akkuzata bir-reat ta' frodi, izda bir-reat tas-serq".*

12. Fil-kaz hawn skrutinat, il-Prosekuzzjoni kienet indeciza mill-bidu tant li addebitat kontra l-imputat sia r-reat ta' serq kif ukoll ta' appropriazzjoni indebita. Il-qaghda tal-imputat fil-vesti tieghu ta' impjegat ma tipprekludihx milli ikun imputat bir-reat ta' serq, kif donnu tindika is-sentenza tal-ewwel Qorti. Huwa

qatt ma kien afdat biex jikkonsenja haga u jroddha lura lil min originarjament afdah bil-pussess jew uzu tal-oggett jew jikkonsenjah lil terz kif jirravizaw l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Is-sentenza tal-ewwel Qorti li bih ikkonkludiet li kienu prezenti l-elementi kollha tar-reat ta' appropriazjoni indebita ghalhekk kienet wahda zbaljata ghaliex dan huwa kaz ta' serq li minnu lliberatu l-istess Qorti;

13. Qabel ma tikkonkludi fuq dan l-appell, din il-Qorti thoss li hi fid-dover li tosserva illi dwar dan il-kaz kienet infethet inkjesta *in genere* u dan prattikament sabiex tkun prizervata ix-xena tas-sejbien ta' kwantita tal-oggetti intizi ghall-konsum mill-bniedem pero' mormija ghar-ragunijiet kif spjegat *supra*. Il-Qorti ma tistax tifhem kif l-inkjesta kienet limitata ghal hekk biss meta rapprezentant ta' Alf Mizzi & Sons Ltd ddikjara li kienet waslitlu informazzjoni li oggetti mill-istess konsenja mormija kienet sabet ruhha fuq is-suq u kellhom jixtru l-istess biex inehhuha minn fuq l-ixkafef. Oltre li kien ikun aktar desiderabbli li l-inkjesta tinfirex fuq dan l-allegat abbuz ta' natura serjissima fejn si tratta tas-sahha tal-konsumatur, il-Prosekuzzjoni ghazlet li tixli lill-imputat bir-reat ta' serq u injorat ghall-kollox possibbli ksur ta' provvedimenti ohra ta' ligijiet sanitarji daqstant importanti li jikkolpixxu direttament is-sahha tal-bniedem;

14. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, tilqa' l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u thassarha kwantu sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull htija. Thassarha ukoll f'dik il-parti li fiha kkundannat lill-appellant ghal hlas tal-ispejjez inkorsi fil-hatra tal-esperti. Tikkonfermha

f'dik il-parti li fiha ordnat il-konfiska u distruzzjoni tal-oggetti maqbuda.